# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 33**

**28 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fl-4.15pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier

**ASSENTI**
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**33.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija ta' din il-laqgħa, pero' giet ipprezentata l-ittra ta' apologija ghall-laqgha numru 29, tal-Kunsillier Horace Micallef bic-certifikat mediku u ghalhekk is-Sindku u il-kunsilliera tawh l-apoloġija. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Ġew ippreżentati l-minuti numru 29, 30, 31, 32 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati unanimament.

**33.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**Il-laqgħa ġiet sospiża fil-4:35pm u reġgħet kompliet fil-4:40pm**

**33.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

33.4.1 Is-Sindku informa lil Kunsill li tlesa l-*porfido* tat-tieni fazi tac-centru civiku u saru ukoll zewg kantuni fuq il-hajt tal-*playing-field* fejn kien ressaq l-ilment il-Kunsillier Horace Micallef. Rigward il-*porfido* li jonqos igib il-kuntrattur biex jintuza meta jitkompla ic-centru civiku, ghandu jigi imkejjel mil-perit tal-Kunsill u jigi iccertifikat. Il-Perit tal-Kunsill informa lis-Sindku li intalbu €400 bhala hlas fuq ir-rih sabiex jitpoġġa' ġol-garaxx tal-Kunsill peress li hemm tlett targiet allura ma jistgħux jidħlu inġenji.

33.4.2 Il-Kunsill gie infurmat li kien hemm komunikazzjoni ghaddejja mal-ERA rigward il-kuntratt tal-gbir tal-iskart u li gejna infurmati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jibda il-process sabiex issir il-*commencement letter* bid-data li jiskadi il-kuntratt attwali. Il-*commencement letter* ghada ma saritx billi il-Kunsill gie infurmat li ser titbiddel it-*template*. Peress li il-Green MT ma baqghux jaghtu is-servizz ta' gbir ta' nhar ta' Tlieta, l-ERA qabbdet lil KIP biex taghti dan is-servizz.

33.4.3 Is-Sindku fakkar lil-Kunsill li hemm bzonn naraw li isir il-hlas dovut lilna rigward ir-*recycling bags* skond il-ftehim. Apparti dan, il-Kunsill gie infurmat ukoll li gew ordnati 7 litter bins sabiex jintuza' il-premju tal-Wasteserv bl-*allocation* ta' €3000 li ġiet mogħtija bħala premju ta' *Waste Reduction*.

33.4.4 Il-Kunsill gie mgharraf li hemm bzonn li jergghu jinxtraw bozoz ghall-fanali dekorattivi li ghandna f'diversi toroq. Hemm bzonn li jinxtraw 12 il-bozza. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.4.5 Sar suggeriment mis-Sindku li nitolbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghal-fondi ta' restawr ghal-Fontana peress li l-ahhar fondi li hargu kienu ghall-Kunsilli ta' Malta biss. Dan peress li dan kien ir-4 darba li hargu ghall-Malta biss u qatt ma kienu intitolati il-Kunsilli Ghawdxin.

33.4.6 Il-kuntrattur li kellu jiehu hsieb li isir ix-xoghol tas-*safety features* fis-sala tal-komunita' u fl-ufficcju iffinalizza ix-xoghol.

33.4.7 Hemm bzonn li jithawwlu pjanti godda fil-*hedge tal-playing-field* billi dawk ezistenti ma humiex aktar ta' dehra sabiha.

33.4.8 Is-Sidku informa lil Kunsill li iddepozita' ic-*cheque* li gie mghoddi lil Kunsill minghand ir-Regjun Ghawdex skond il-ftehim ghal-tiswija bit-*tarmac* maghmul fit-triq Kappillan Hili fis-sena li ghaddiet li jammonta ghal- €9615.

33.4.9 Il-Kunsill gie mgharraf li saru il-plakki tal-*perspex* fl-ghajn tal-logog, fl-ghajn ta' Bendu u hdejn in-nicca tal-Kuncizzjoni li jikkomemoraw ix-xogholijiet li twettqu.

33.4.10 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jinxtara bank ghall-quddiem iz-zuntier biex jizdied hdejn dawk diga' ezistenti.

33.4.11 Qieghdin isiru il-preparamenti necessarji u il-programm sabiex ikun possibli li issir il-mawra fi Sqallija bl-ajru minghand il-persuna inkarigata normalment ghas-safar tal-Kunsill.

33.4.12 Is-Sindku ikkomunika li il-*printer* li hemm fl-ufficcju tal-Kunsill ser tigi mibdula minghajr hlas minghand il-fornitur u ukoll li ser jitnaqqsu mill-kont dawk il-pagni suwed li ma kienux tajbin sabiex jinghataw lir-residenti. Dan wara ilment li sar waqt laqgha precedent minnhu,

33.4.13 Il-Kunsill gie mgharraf li il-Perit Bezzina ghamel l-applikazzjoni tad-*Development Fund (UIF)* u id-dokumenti waslu fl-ufficcini tal-Kunsill. Irridu nghaddu ukoll xi informazzjoni lil istess Perit sabiex ikun jista' jirregistra l-isqaq

ta' Kaputt u Trejqet Bieb il-Ghajn mar-registru tal-artijiet bhala art pubblika u mhux privata.

33.4.14 Is-Sindku informa lil Kunsill li il-katusa ta' Triq John Gaspard Le Merchant ghall-Triq Santa Dminka ma saritx, allura hemm bzonn li nibdlu il-haddiem. Il-Kunsill qabel unanimament, li nqabdu lil A&L Mintoff.

33.4.15 Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta fl-1 ta' Settembru 2018. Żorna il-festa ta' Santa Katerina taz-Żurrieq. Attendew 12-il persuna fosthom is-Sindku.

33.4.16 Ġie diskuss il-mafkar għal-vittmi tal-logħob tan-nar. Is-Sindku informa lil-Kunsill dwar ix-xogħol tal-bronż li dan qieghed fi stadju tajjeb skond il-pjan ta' hidma u ghandu jigi fondut fil-granet li gejjin.

33.4.17 Is-Sindku informa lil Kunsill li il-*weekend* li imiss ser ikun hemm il-harga ghall-Malta ghan-*Notte Bianca* fil-belt kapitali Valletta, u ippropona li issir harga ohra fl-4 ta' Novembru.

33.4.18 Il-Kunsill innota li hemm bzonn li jinxtraw xi pakketti ta' xemgha hamra biex jintuzaw fin-nicca.

33.4.19 Saret laqgha mal-Inginier mill-kumpanija Galea Curmi sabiex naraw x'sahha ghandhom bzonn *l-air conditions* li ser isiru fis-sala tal-komunita'.

33.4.20 Saret il-Festa Sport imtella' mill-Kummissjoni Zaghzagh Fontana u attendew l-Eccellenza Taghha il-President ta' Malta u il-Ministru ghall-Ghawdex ghall-quddiesa u attivita'. Ghall din l-okkazzjoni attendew ukoll is-Sindku, il-Kunsillier Horace Micallef u id-Deputat Segretarju Ezekuttiv, f'isem il-Kunsill tal-Fontana.

33.4.21 Hemm bżonn li isir xogħol ta' zebgha fuq il-fanali ta' Triq il-Kapillan Guzepp Hili u l-ahjar jintuza *scissors scaffolding*. Hemm bżonn li naraw huwiex vijabbli li il-Kunsill jixtri dan l-apparat milli jikrieh, f'kaz li ikun orhos fil-prezz.

33.4.22 Hemm bżonn li isir xogħol ta' *binding* fuq minuti ta' laqghat passati tal-Kunsill.

33.4.23 Is-Sindku gibed l-attenzjoni li hemm bzonn jitnaddaf il-*culvert* ta' Triq John Gaspard le Marchant qabel ma tigi ix-xita.

33.4.24 Il-Kunsill iddiskuta is-sitwazzjoni tal-haddiema tal-*community workers scheme* u inqabel li hemm bzonn nergghu nitolbu ghall-haddiem iehor minflok dak li jittiehed.

33.4.25 Dwar il-kawza tal-*computers*, is-Sindku informa lil Kunsill li ir-rikors li gie mressaq mill-Kunsill gie milqugh mill-Avukat Generali u ghalhekk ser jinstema' l-appell.

33.4.33 Sar ir-reklam ghat-tilqima tal-influwenza fejn ir-residenti ikkonkorrew ghal din l-opportunita', allura hemm bzonn li inkellmu lit-tabib li is-soltu jaghti it-tilqima lil dawn il-persuni.

**Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5:15pm u reġgħet kompliet fil-5:25pm**

33.4.27 Dwar l-applikazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv fuq bazi part-time ma kien hemm ebda nomina u il-bord informa lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar dan.

**33.5 Ħruġ ta' Offerti**

Il-Kunsill tfakkar li hemm it-*tender* tal-fanali li huwa fil-process ta' aġġudikazzjoni fil-jiem li ġejjin.

Kien hemm qbil sabiex il-Kuntratt tal-ġbir ta' skart jiġġedded għal xahar ieħor.

Ghall-ktieb tal-lokalita' li ser isir fl-okkazzjoni tal-25 sena anniversarju tal-Kunsill, kien hemm 2 offerti ghalih u intaghzel il-*Gozo Press* biex jaghti is-servizz ta' *printing* ta' 750 kopja ghall-prezz ta' €5550. Dan il-ktieb ser ikun "hard bound". Il-*Gozo Press* ghandhom jigu infurmati b'dan ix-xoghol.

Il-Kunsill gie ipprezentat bl-*Evaluation Report tat-tender* tal-hitan tas-sejjieh u gie mgharraf li il-bord ressaq is-suggeriment tieghu li ma jinghatax billi il-*bid* li kien hemm kienet *over budget*. Il-Kunsill qabel.

**33.6 *Items* ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa**

Kien hemm talba ghall-zewg *no objections* mill-Kunsill minghand il-Kappillan tal-parrocca sabiex isiru il-purissjonijiet tal-Madonna tar-Ruzarju u tal-Appostlu San Andrea. Il-Kunsill qabel li dawn jinghataw bil-kundizzjoni li d-dokumentazzjoni l-ohra necessarja mill-ligi tkun maghmula ukoll.

**33.7 Ilmenti u Komunikazzjonijiet**

33.7.1 Ċirkulari numru 2018/100 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Minuti tal-Laqgha tal-Ezekuttiv Nru. 11'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.2 Ċirkulari numru 2018/101 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Invite to the Conference "I borghi piu' belli del Mediterraneao". Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.3 Ċirkulari numru 6/2018 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali (L.S. 441.04)". Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.4 Ċirkulari numru 103/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Laqgħa tas-Sindki, 27 t'Ottubru 2018'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.5 Ċirkulari numru 104/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Inizjattiva Għotja ta' Demm'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.6 Ċirkulari numru 105/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Press Conference – Masters in Governance and Management (Level 7)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.7 Ċirkulari numru 7/2018 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Kjarifika għal Ċirkulari 19/2016 – Sħubija fil-*Local Action Groups (LAGs)*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.8 Ċirkulari numru 106/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ġbir ta' skart riċiklat'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.9 Ċirkulari numru 107/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ħlas ta' kontijiet tad-Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali'. Is-Sindku ippropona u il-Kunsill qabel li din issehh.

33.7.10 E-mail mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinfurmaw lil haddiema tas-Servizz Pubbliku rigward l-akkumulazzjoni tal-*vacation leave* minn 2018 ghat-2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.11 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jitlob lill-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jissottomettu proposti ta'

postijiet madwar Għawdex li jkunu jistgħu jservu ta' *depots* temporanji għall-ġbir ta' skart matul il-*weekends* minbarra l-*amenity site* f'Tal-Kus. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.12 Ċirkulari numru 110/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Press Conference – Inizjattiva Bżieżaq'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.13 Ċirkulari numru 111/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'E-Skills Malta Foundation Citizen Focus Group'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.14 Ċirkulari numru 112/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Mental Health Association (Malta) – Empowerment Course'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.15 E-mail mis-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva li fiha qed issir stedina lil rappreżentanza mill-Kunsilli Lokali sabiex tattendi għall-konferenza nazzjonali 'Anzjani – Ġustizzja Soċjali jew Esklużjoni?' li ser issir nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 2018 fis-Sala San Ġorġ Preca, Istitut Kattoliku, il-Furjana. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.16 E-mail mill-Uffiċċju Elettorali b'informazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-Reġistru Elettorali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.17 E-mail mingħand il-Ministeru tat-Trasport sabiex isiru it-tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.18 Ċirkulari numru SPI 11/2018 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Ġbir ta' Informazzjoni dwar id-Devoluzzjoni ta' Siti u Propjeta' Pubblika lill-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut u giet imwiegba.

33.5.19 Ċirkulari numru 8/2018 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart (L.S. 549.43)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.20 E-mail mingħand Mario Micallef li fiha qed jagħti informazzjoni dwar il-programm 'Wara Nofsinhar' li jibda jixxandar fuq TVM minn Ottubru li ġej. Dawk il-Kunsilli li huma interessati jipparteċipaw għandhom jirreġistraw l-interess tagħhom mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsill innota l-kontenut imma hadd ma wera' interess li jippartecipa.

33.7.21 Ċirkulari numru 113/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Reġistrazzjoni għal M.Sc fil-Governanza u l-Immaniġġjar'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.22 Ċirkulari numru 114/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali – Salarji'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.23 Ċirkulari numru 115/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Dikjarazzjoni mill-Kunsilli Lokali li ser jipparteċipaw fl-inizjattiva ta' kontra r-rilaxxar tal-bżieżaq'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.24 E-mail mingħand Daniela Gauci, rappreżentanta tal-Fondazzjoni OASI, li fiha qed tagħti informazzjoni dwar l-*OASI Cup Run 2018* li ser issir nhar il-Ħadd 7 ta' Ottubru 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.25 Email mingħand il-Planning Authority rigward l-ammont ta' flus disponibbli tas-somma ta' € 41,325.37 li ghandna u li jistghu jintuzaw ghall-progetti fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.26 E-mail mingħand Joseph Cassar, Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Olimpiku Malti, li fiha qed jagħti informazzjoni dwar l-*MOC Sports Awards*. Nominazzjonijiet għal dan il-premju jintlaqgħu sal-1 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.5.27 E-mail mingħand Joanne Formosa, Segretarja tal-*Gozo Tourism Association*, li fiha qed tistieden rappreżentanza mill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex għal konferenza li ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru 2018 mid-9.00am sa nofsinhar bit-tema '*Optimising the Synergies in the Tourism and Volunteering Sectors in Gozo'*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.28 Ċirkulari numru 2018/102 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata '*Access City Award* - 2019'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.29 Email minghand ic-*Citadel Cinema* sabiex jinforma lil-Kunsill Lokali li hemm offerta' ta' biljetti issussidjati ghall-gruppi ta' anzjani. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.30 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinforma lil kunsilli dwar *email* mingħand il-*Head, Works and Infrastructure Department* fil-*Marine and Storm Water Unit*, Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali kif ukoll ghall-Memo 20/2014 dwar l-istess suggett. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.31 Email minghand l-*ifnetworks.net* sabiex jitranga il-*modem tal-streaming*, izda sa illum ghadhom ma gewx jaghmlu dan is-servizz avolja ftehmna diga' fuq zewg dati biex isir ix-xoghol. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.32 Email minghand l-ERA sabiex isaqsu jekk hemmx xi postijiet fejn jistghu jitpoggu *bring in sites* fil-lokalitajiet u jekk hemmx diga' dan is-servizz. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.33 Zewg emails minghand is-Segretarjat tal-anzjanita' attiva sabiex il-Kunsilli jinnominaw lil-anzjan attiv fil-lokalita' u dwar premju socjeta' gusta.

33.7.34 Email minghand il-Wasteserv sabiex il-kunsill japplika biex jippartecipa ghall *European week for Waste reduction*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.35 Email minghand ir-Regjun Ghawdex sabiex jinfurmawna li bħalissa għaddej bi trattattivi mal-MEUSAC u l-*EU & International Division* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jissottometti applikazzjoni għall-*Network of European Towns* taħt il-*Programm Europe for Citizens.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.36 Email minghand ir-Regjun Ghawdex rigward proposta – *Depots* temporanji tal-iskart fil-*weekends* madwar Ghawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.37 Email minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward l-IPS Circular – Industrial Relations Course. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.38 Email minghand Is-Sindku ta' Ghajnsielem lis-Sindki u kollegi sabiex jiddiskutu il-problema ta' skart u sahha f'Ghawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.39 Email minghand EUPA sabiex tinfurmana li hemm l-programm ta' ERASMUS + 2014 – 2020 *Programme for Education, training, youth and sport*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.40 Cirkulari minghand l-Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Dokument – L-effett negattiv tal-bziezaq li jittajru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.41 Invit ghall-Opening of “1001 Dreams” Exhibition, Gozo. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.42 Cirkulari minghand l-Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali 2018/108 – Ahbar tal-mewt ta’ hu il-President tar-Regjun Tramuntana u membru fl-Ezekuttiv tal-Assocazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.43 Cirkulari minghand l-Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali 2018/109 – Ahbar tal-mewt ta’ missier Vici Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Isla. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.44 Talba minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex kull hmistax jintbaghtu l-Ilmenti pendenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.45 Email minghand l-NAO (*national audit office*) fejn tikkonferma li waslu l-*unaudited financial statements*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.46 Cirkulari minghand l-Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali 2018/110 – Press Conference – Inizjattiva Bziezaq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.47 Email minghand il Gvern sabiex jinfurmana li l-Onor. Silvio Parnis u is-sinjura Muscat ser izuru il-Fontana nhar it-12 t’Ottubru minhabba l-*Pink October*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.48 Email minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn jinforma li hemm *assets (monitors*) zejda li jistghu jintuzaw mill-Kunsilli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.49 Email minghand Encore – Arts & Culture Magazine sabiex isaqsu jekk hemmx xi attivitajiet kulturali ppjanati bejn Dicembru u Frar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.50 Email minghand il-Pulizija sabiex isaqsu jekk il-Kunsill jixtieqx jaghmel laqgha ma xi rapresentanti tal-Kunsill rigward l-abbuz ta’ droga fil-Fontana. Il-Kunsill innota l-kontenut u il-Kunsillier Micallef issuggerixxa li tintalab sorveljanza mill-Pulizija fil-lokalita’ rigward dan il-suggett.

33.7.51 Email minghand ir-Regjun t’Ghawdex fejn jinforma li hemm laqgha nhar it-18 ta’ Settembru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.52 Email minghand Transport Malta fejn jgharrfu b’restrizzjonijiet fuq permessi bejn is-6.00am u id-9.30am matul il-granet tal-iskola. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.53 Email minghand ir-Regjun Ghawdex sabiex jinformana li hemm it-tlestija tar-rapport tal-verifika b'rabta mal-inizjattiva finanzjarja – Ghoti mill-gdid ta' tarmac lil toroq fir-responsabillita' tal-Kunsilli Lokali 2017 u email ohra rigward il-hlasijiet fuq l-istess suggett. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.54 Email minghand Zghazagh Fontana sabiex jistiednu lill-Kunsill ghall-attivitajiet tal-Fontana Sports Fest u merhba lil President ta' Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.55 Email minghand il-Kunsill Nazzjonali tal-anzjani sabiex jistieden lil Kunsill sabiex jattendi ghall-konferenza nhar id-29 ta' Settembru gewwa il-Furjana fejn ser jiddiskutu – 'Anzjani – Gustizzja socjali jew eskluzjoni? Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.56 Stedina minghand l-NCPE ghall-4 ta' Ottubru sabiex il-Kunsill jattendi f'Malta seminar dwar l-istrategija tal-*Gender Equality*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.57 Email minghand id-direttorat tar-ricerka, xoghol u *lifelong learning* sabiex jinfurmawna li minn nhar il-5 ta' Ottubru ser jibda kors ta' *Patchwork* gos-sala tal-Komunita'. Kien hemm zewg korsijiet ohra tal-lingwi (Ingliz u Malti) izda ma kienx hemm konkorrenza ghalihom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.58 Email minghand l-ERA sabiex jinfurmawna li mhux ser joffru aktar is-servizz wara l-ahhar ta' Ottubru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.59 Email minghand Regjun Ghawdex sabiex il-Kunsill jinforma lir-regjun bil-lista ta' Sindki u Kunsilliera matul il-25 sena. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.60 Email minghand *impeltv* sabiex jinfurmana li ser jibda jixxandar program fuq TVM li jismu Wara Nofsinhar li ser jinkludi *quiz* bejn 2 kunsilli lokali. Huwa saqsa jekk il-Kunsill tal-Fontana hemmx interess. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.61 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern lokali sabiex jinforma lil-Kunsilli li hemm *sponsorships* biex jattendu *international events*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.62 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jistaqsi jekk il-kunsill lokali tal-fontana jixtieqx jippartecipa fil-*100 years of remembrance*. Il-Kunsill

qabel ma din il-proposta u gie propost li jinghataw 100 fjura tal-*poppies* lir-residenti f'gieh il-100 sena. Il-Kunsill qabel li jiehu sehem.

33.7.63 Email minghand il-kunsill tal-Ghasri b'invit ghall-jum l-Ghasri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.64 Email minghand kumpanija tal-*computers* sabiex tinfurmana li hemm xi korsijiet ghall-haddiema klerikali b'*grant* ta' 70% . Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.65 Cirkulari mill-assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali 2018/111 – E Skills Malta Foundation citizen focus group. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.67 Cirkulari minghand l assocazzjoni tal-kunsilli lokali 2018/116 – Minuti tal-laqgha tal-Ezekuttiv nr 11. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.68 Email minghand id-dipartiment tal-Gvern Lokali isaqsi dwar il-latrini pubblici. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.69 Email minghand l-*insurance* tal-kunsill lokali sabiex isir it-tigdid taghha. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.70 Invit minghand *Malta Architecture* and *planning* ghall konferenza f'4 ta' Ottubru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.71 Email minghand il-bord ta' Governanza sabiex jinfurmawna li ser jibda l-istharrig fuq il-kaz tal-computers. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.72 Cirkulari AKL 2018/104 – Inizzjattiva ghotja ta demm 28 t'ottubru mill kunsilliera. Il-Kunsill innota l-kontenut u gie suggerit li l-istess inizjattiva issir Ghawdex.

33.7.73 Email rigward il-laqgha ta' konsultazzjoni mil-MEUSEC rigward it-tibdil tal-hin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.74 Cirkulari AKL 2018/067 – procedura stabbilita ta kif kunsill japplika ghall-*bus shelter* gdid jew jirraporta hsarat. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.75 Email minghand id-direttur sabiex jinfurmana kif ghandna nimxu fil-kaz tal-problema taz-zibel. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33.7.76 Sar ilment minn residenta sabiex isir railing mat-targa tar-residenza taghha izda il-Kunsill talab ritratt tal-post.

33.7.76 Sar ilment rigward hamiem f'salvagg f'razzett fi Triq Santa Dminka u il-Kunsill iddecieda li irridu naraw rigward il-procedura tal-Health and Safety.

33.7.77 Sar ilment rigward storbju waqt l-attivita' ta' Sports Festival u il-Kunsill qabel li dan l-ilment ghandu jitressaq lil organizzatur ta' l-attivita'.

33.7.78 Sar ilment rigward bankina izda' din hija f'konfini tal-Belt Vittorja.

**33.8 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-6:15p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru 2018 fil-5.30p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**